MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 448/2009

***HSBC Bank Malta plc***

***Versus***

***Speedy Rent-A-Car Limited*; Mary Balzan; Costantino Balzan; Michael Balzan; Anthony Balzan; Monica Balzan; Louise Balzan; Anna Maria Abdilla; Rita Jaccarini**

1. F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta’ mija u tnejn u sittin elf, disa’ mija u disgħa u sittin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€162,969.26) bilanċ ta’ self, u mgħaxijiet relativi, magħmul lis-soċjetà konvenuta *Speedy Rent-A-Car Limited* u garantit *in solidum* – għalkemm mhux sal-bilanċ kollu – mill-konvenuti l-oħra. Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ ittra uffiċjali tal-21 ta’ Jannar 2006 u ta’ ittra uffiċjali oħra tat-23 ta’ Novembru 2006, u l-imgħaxijiet mit-2 t’April 2009 sa meta jsir il-ħlas, u qiegħda titlob ukoll il-bejgħ *sub hasta* tal-*utile dominium*

perpetwu tal-*garage* bla numru u bl-isem *Balsons Garage* fi Triq l-Ilqugħ, Swieqi, limiti ta’ San Ġiljan.

2. Il-konvenuti, għalkemm notifikati bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma ressqux eċċezzjonijiet u ma dehrux għas-smigħ tal-kawża, u ma għamlux sottomissjonijiet bil-miktub għalkemm il-qorti tagħthom fakoltà li jagħmlu hekk kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

3. Mix-xiehda fil-proċess jidher illi tassew illi l-konvenuti għandhom jagħtu lill-attriċi daqskemm din qiegħda titlob.

4. Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tilqa’ t-talbiet tas-soċjetà konvenuta u tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta’ mija u tnejn u sittin elf, disa’ mija u disgħa u sittin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€162,969.26), bl-imgħax mit-2 t’April 2009 sa meta jsir il-ħlas, b’dan illi:

a. ir-responsabbiltà tal-konvenuti Monica Balzan u Louise Balzan hija limitata għas-sehem tagħhom mill-komunjoni tal-akkwisti ma’ żwieġhom;

b. ir-responsabbiltà tal-konvenuti Mary Balzan, Anthony Balzan, Anna Maria Abdilla u Rita Jaccarini hija limitata għal tnejn u sittin elf, tmien mija u tlieta u disgħin euro u tmien ċenteżmi (€62,893.08) jew sas-sehem tagħhom mill-bejgħ ta’ *Balsons Garage* jekk dan ir-rikavat ikun anqas.

5. Tordna wkoll il-bejgħ *sub hasta* tal-*utile domimium* perpetwu tal-*garage* bla numru u bl-isem *Balsons Garage* fi Triq l-Ilqugħ, Swieqi, limiti ta’ San Ġiljan, u għal dan il-għan taħtar perit arkitett li lilu jmiss it-turn skond l-elenku stabbilit fl-art. 89 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex jagħmel u jippreżenta stima tal-immobbli kif tgħid u trid il-liġi fi żmien xahar wara li jagħlaq iż-żmien imsemmi fl-art. 307 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u taħtar ukoll irkantatur pubbliku li lilu jmiss it-turn skond l-elenku stabbilit fl-art. 89 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex imexxi l-irkant li għandu jsir fil-bini tal-Qrati Superjuri, il-Belt Valletta nhar il-Ħamis 15 ta’ Ġunju 2010 fil-11.00 *a.m.* b’dan illi l-konvenuti jkollhom għoxrin jum millum sabiex, kif igħid l-art. 307 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, b’nota li tiġi notifikata lis-soċjetà attriċi jippreżentaw stima maħlufa u jitolbu li ma ssirx stima ġdida.

6. Tordna lir-reġistratur sabiex igħarraf lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet b'din is-sentenza.
7. Tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu l-ispejjeż kollha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------